Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 128/1994/3

**Citazzjoni numru 128/94 GC**

**Alfred Mizzi**

**vs**

**Emanuel Azzopardi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa kien willa lill-konvenut il-hanut f'Marsascala bl-isem "Michael's Butcher" fit-Triq gdida bla isem u madwar sentejn ilu l-attur u l-konvenut irrexxindew din it-twellija bil-patt li l-attur ghandu jzomm l-istock prezenti fil-fond fid-data tat-twellija u jhallas l-ispejjez ta' dawl, ilma, telephones, riparazzjoni tal-cash register u tax-xutter u tal-mutur tal-bank tal-friza;

Illi issa l-konvenut qed jallega li l-attur ghandu jaghtih is-somma ta' seba mitt liri maltin (Lm700) bhala korrispettiv tal-istock imholli fil-hanut u wasal biex anke talab il-hrug ta' mandati kawtelatorji meta dan ma huwiex minnu;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

tiddikjara u tiddeciedi li l-attur ma huwiex debitur tal-konvenut fl-ebda somma ta' flus;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur billi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attur in konnessjoni mar-rexissjoni tat-twellija imsemmija fic-citazzjoni, fil-waqt li l-ammont li l-istess konvenut jippretendi li ghandu jiehu minghand l-attur ghall-istock imholli jifforma l-meritu ta' kawza bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi - citazzjoni numru 864/93 GC);

2. Minghajr pregudizzju ghal premess, hu opportun li z-zewg kawzi jimxu flimkein billi fil-waqt li fil-kawza l-ohra istitwita mill-esponenti il-kawzali u l-ammont mitlub huma cari u inekwivoci, fil-kawza prezenti l-attur ihalli kollox vag billi jippretendi xi forma ta' tpacija minghajr ebda spjegazzjoni ta' xejn;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra koillha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li din il-kawza giet trattata flimkien ma kawza ohra fl-ismijiet inversi – citazzjoni numru 864/93 – b'hekk il-provi kollha li saru f'dik il-kawza ghandhom jitqiesu lki saru fil-presenti kawza ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Mejju 2000;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza giet trattata flimkien ma kawza ohra fl-ismijiet inversi u cioe c-citazzjoni numru 864/93 u din l-ahhar kawza giet ukoll deciza illum;

Il-Qorti tghamel referenza ghal din is-sentenza li nghatat fl-imsemmija kawza l-ohra u tghamel referenza specifika ghal kostazzjonijiet kollha li saru f'dik is-sentenza. Dawn il-kostatazzjonijiet ghandhom japplikaw kollha ghall-presenti;

Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu akkolti filwaqt li t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-attur.

---------------------------------TMIEM---------------------------------